MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 421/2004

**Clentec Cleaning Services Limited (C285818)**

**Vs**

**Ta’ Xbiex Lapins Limited (C3122)**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta’ l-attrici li biha, wara li ippremettiet:

Illi s-socjeta’ attrici provdit servizzi ta’ tindif lis-socjeta’ konvenuta ammontanti ghal erbgha u ghoxrin elf mija disgha u tletin Lira Maltin (Lm24,139.41) u dan kif jirrizulta mill-prospett esebit u mmarkat DOK CS1;

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata bosta drabi sabiex thallas dan il-bilanc hija baqghet ma halsitx [DOK CS2, DOK CS3, DOK CS4];

Illi ghalhekk is-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf mija disgha u tletin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm24,139.41) ghadhom sal-lum dovuti mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici.

Talbet illi:

1. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici versu s-socjeta’ attrici fis-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf mija disgha u tletin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm24,139.41) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

2. Tikkundannaha thallas l-ammont hekk dovut;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota li l-atturi li biha naqqset it-talba ghal tnejn u ghoxrin elf erbgha mija tmienja u ghoxrin Lira u tnax-il centezmu;

Rat illi l-konvenuta ammettiet it-talba kif imnaqqsa.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kif imnaqqsa tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif imnaqqsa, bl-ispejjez u l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------